– ART. 2160(1) KAPITOLU 16 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– PRESKRIZZJONI TAHT L-ART. 2156(F) KAPITOLU 16 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– PRESKRIZZJONI: INTERPRETAZZJONI RESTRITTIVA –
– EKWITÀ MA TISTAX TIBDEL IL-LIGI PROCEDURALI –
– KONVENUT LI MA JRESSAQX LINJI DIFENSJONALI/ECCEZZJONIJIET FIL-MERTU –
– VINKOLU KUNTRATTWALI: "PACTA SUNT SERVANDA" –
– NUQQAS LI JSEHH KONTRO-EZAMI: TIFSIRA F'CIRKOSTANZI PARTIKOLARI –

# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Frar, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **381/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**MIGUEL *SIVE* MICHAEL DEGIORGIO**
[K.I. NRU. 18859M]

B'Avviz tat-Talba mressaq fl-20 ta' Awwissu, 2018, il-kumpannija attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat ihallasha l-ammont ta' disa' mija u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€940.58c) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mill-attrici lill-istess konvenut fuq l-kont numru AC10177368, kif ahjar imfisser fl-imsemmi Avviz. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta mal-prezenti proceduri, dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (datata 30 ta' Lulju, 2015 u bin-numru 1207/2015) u kif ukoll l-interessi legali mid-data ta' l-istess ittra sad-data tal-hlas finali u effettiv.

B'Risposta mressqa fil-15 ta' Frar, 2019, il-konvenut eccepixxa illi hu qed jichad it-talba ghaliex l-ammont mhux dovut u fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-paragrafu (f) ta' l-Art. 2156 tal-Kodici Civili.

Illi in vista tal-eccepita preskrizzjoni, fl-udjenza ta' l-20 ta' Frar, 2019, it-Tribunal kien ordna l-inverzjoni tal-provi, biex il-konvenut iressaq il-provi tieghu f'dan ir-rigward (ara *a fol*. 32);

Illi fl-udjenza sussegwenti, dik ta' l-20 ta' Marzu, 2019, il-konvenut, tramite d-difensur tieghu, "*jirrileva illi ai finijiet ta' provi marbuta mal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, il-Konvenut ma ghandux provi viva voce xi jressaq u li l-istess qed jistrieh fuq l-atti processwali kif migbura sallum peress li minnhom tirrizulta, fil-fehma tal-Konvenut, sodisfatta tali eccezzjoni tieghu*" u, ghalhekk, fl-istess udjenza gew dikjarati ezawriti l-provi tal-konvenut marbuta mal-materja ta' preskrizzjoni. (ara verbal *a fol*. 33). Fl-udjenzi sussegwenti, senjatament f'dik tat-13 ta' Mejju, 2019 u f'dik ta' l-20 ta' Gunju, 2019 il-partijiet ressqu provi dwar il-mertu tal-kaz u fl-ahhar imsemmija udjenza l-provi rispettivi taghhom gew formalment dikjarati bhala maghluqa (ara verbal *a fol*. 38).

It-Tribunal qies il-provi imressqa, ra l-atti processwali kollha u qies is-sottomissjonijiet ta' l-gheluq;[1]

It-Tribunal jikkunsidra;

L-isfond fattwali tal-kontiza hu wiehed semplici u cioè illi l-attrici qed tfittex lill-konvenut biex dan ihallasha ammont ghal diversi servizzi ta' komunikazzjoni (telefon, internet u televizjoni[2]), filwaqt li l-konvenut jikkontendi li dan l-ammont mhux dovut u anke l'ghaliex l-istanza ta' l-attrici hi milquta bil-preskrizzjoni ta' hames (5) snin skond dak previst fil-paragrafu (f) ta' l-Art. 2156 tal-Kodici Civili.

Deskritt tali xenarju fattwali, wiehed issa jqis il-materja ta' preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut.

Skond l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, nonostanti li, "*it-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità*", hu previst b'mod espress illi, "*f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi*." Issa, skond l-Art. 730 tal-Kodici ta' Procedura Civili, "*L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu*." Ghalhekk, huwa

[1] Trattazzjoni sehhet fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019 u t-traskrizzjoni relattiva hi *a foll*. 50–55.
[2] Ara, *inter alia*, *a foll*. 9, 10, 11 u 14.

doveruz illi l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal jinvesti fl-eccepita eccezzjoni tal-preskrizzjoni fl-ewwel parti (kap) tal-prezenti decizjoni. Sussegwentement – naturalment dejjem dipendenti mill-ezitu tal-kunsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggunta dwar tali aspett tal-procediment – wiehed imbaghad idawwar harstu lejn il-mertu tal-vertenza.

Il-kovenut jikkontendi li l-istanza attrici hi milquta minn dak it-terminu preskrittiv kontemplat fil-paragrafu (f) tal-Art. 2156 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid illi, "*azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*" jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin:

F'dan l-istadju jsir accenn ghal dak li ntqal fis-sentenza, fost diversi ohrajn, *in re* **Vincent Buttigieg v. Qala St. Joseph Football Club** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 14 ta' Dicembru, 2007) u cioè illi, "*il-konvenut li jecepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepieta hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jghazel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizjorju*." Ghalhekk, sta ghall-konvenut li jipprova li l-preskrizzjoni minnu sollevata – sabiex jinnewtralizza l-azzjoni promossa kontrih – hi effettivament dik applikabbli ghall-kaz *de quo*. Fi kliem iehor, huwa l-konvenut li jrid jissodisfa dan l-oneru sabiex jiskarika l-istess minn fuqu u, *ergo*, "jirbah" l-eccezzjoni minnu mqanqla u dan ghax f'certi kazijiet il-konvenut bl-eccezzjoni tieghu stess jirrivesti l-libsa ta' 'attur' in forza tal-principju "*reus excipiendo fit actor*" bl-obbligu li jipprova dak li jkun eccepixxa.[3]

Madanakollu, apparti dak appena senjalat, illum-il gurnata l-konvenut irid jissodisfa rekwizit procedurali ulterjuri meta jeccepixxi certu preskrizzjonijiet. Taht il-Ligi vigenti, ghalhekk, hemm rekwizit iehor li jrid jigi skarikat mill-istess konvenut li jaghzel jissolleva certu tipi ta' preskrizzjonijiet. Dan ir-rekwizit jinsab previst fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili li jghid hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, <u>ma jagħtux ġurament minn jeddhom</u> waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*." Tali disposizzjoni giet emendata permezz ta' l-Att I ta' l-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta'

[3] F'dan is-sens, fost diversi u bosta, ara *in re* **John Baptist Zammit noe v. Joseph Vella noe** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 23 ta' Mejju, 2008).

Jannar, 2017 u l-emenda relattiva hi krucjali. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilità fejn l-attur jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut. Infatti, qabel l-istess disposizzjoni kienet tghid li, "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa*". Bl-emenda li saret bl-Att I ta' l-2017 il-legislatur nehha l-*onus* minn fuq il-parti attrici u impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament *di sua sponte*. Fin-nuqqas li jaghmel hekk, il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet il-qosra msemmija fl-Art. 2160(1). Ghalhekk, qabel kien l-attur li kellu jsejjah lill-konvenut u lilu jiddifferlu l-gurament decizjorju, filwaqt li issa l-oneru jinsab fuq il-parti konvenuta li bil-gurament taghha tistqarr li mhux debitur jew li m'ghandux rikollezzjoni tal-hlas.[4]

Debitament skarikati dawn l-oneri, kollox jerga' joxxilla fuq il-parti attrici sabiex din, da parti taghha, tipprova jew li t-terminu preskrittiv mhux applikabbli jew li l-istess gie sospiz, jew li dan gie interrott jew alternattivament li l-konvenut debitur b'xi fatt, espress jew tacitu, ammetta l-kreditu.

Izda f'dan l-istadju, qabel ma t-Tribunal jintrattjeni studju biex jara jekk il-preskrizzjoni skont l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili tistax tigi akkolta jew le, wiehed irid necessarjament jara jekk f'dan il-kaz il-konvenut mexiex konformement ma' dak specifikat fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili, ossia jekk waqt dawn il-proceduri, minn rajh u bil-gurament, il-konvenut stqarrx li m'huwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa.

Fil-prezenti kaz, meta l-istadju tal-provi kien invertit biex il-konvenut jissostanzja l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u jressaq il-provi relattivi, l-istess ghazel li ma jattivax ruhu. Kif individwat aktar kmieni, fl-udjenza ta' l-20 ta' Marzu, 2019 il-konvenut illimita ruhu li jirregistra li dwar din il-materja specifika ta' preskrizzjoni, "*ma ghandux provi viva voce xi jressaq*" u li hu "*qed jistrieh fuq l-atti processwali kif migbura sallum peress li*

[4] F'dan is-sens ara *in re* **Bottega del Marmista Ltd v. Paul Mifsud et** (Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2018) u d-decizjoni *in re* **Automated Revenue Management Limited pro et noe v. Topcar Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 17 ta' Jannar, 2018) li fiha inghad hekk: "*Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament* [...] *tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deċiżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah*."

*minnhom tirrizulta, fil-fehma* [tieghu]*, sodisfatta tali eccezzjoni tieghu*." Mela ghalhekk, jidher kjarament li l-konvenut ma mexiex kif rikjest fis-sucitat Art. 2160(1) li jirrikjedih li jkun pro-attiv dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnu mqanqla, li jiehu gurament minn rajh u li jghid li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx minnu imhallsa. Per konsegwenza, minhabba tali nuqqas, l-istess konvenut ma jistax javalla ruhu mill-preskrizzjoni minnu eccepita skond l-Art. 2156(f) ta-Kodici Civili.

Solament fuq dan il-motiv, l-eccepita preskrizzjoni ma tistax tirnexxi. Dan l'ghaliex fl-istadju specifikatament akkordat lill-konvenut sabiex jissorregi l-istess eccezzjoni tieghu, hu ddecieda li ma jressaq l-ebda prova. *Ergo*, fl-istadju propizju l-konvenut abdika mid-doveri ritwali tieghu skond id-dettami ta' l-Art. 2160(1) sabiex jaghti sahha u applikabilità lill-preskrizzjoni skond l-Art. 2156(f).

Inoltre, ghall-kompletezza, anke meta l-procediment kien wasal fl-istadju tal-provi fil-mertu u, wara li l-attrici kienet ghalqet il-provi taghha, ghalkemm il-konvenut ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda biex jixhed, l-istess fl-ebda mument ma espressament sostna li hu mhuwiex debitur di fronti ghall-attrici u lanqas ma sostna li ma jiftakarx jekk il-haga gietx minnu imhallsa. Minn qari olistika tax-xhieda tieghu, l-enfazi tieghu kienet fuq aspetti differenti tal-kwistjoni u mhux dwar dak necessitat mill-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili.

It-Tribunal ikollu jistqarr ukoll illi, *gratia argomenti*, anke li kieku f'dan l-istadju (i.e., provi dwar il-mertu) l-konvenut kellu jesprimi ruhu fis-sens dettat mill-appena citata disposizzjoni (haga li *in ogni modo* m'ghamilx), xorta wahda ma kienx ikun ta' beneficcju ghalih. Dan proprju ghaliex, kif gja' inghad *supra*, f'dak l-istadju partikolari kien qed jigi trattat il-mertu tal-vertenza odjerna, filwaqt li l-konvenut volontarjament ghazel li jibqa' sieket f'dak l-istadju preliminari – primarjament rizervat u appozitament allokat ghalih – biex jaghti sustanza lill-eccezzjoni tieghu ta' preskrizzjoni u biex jikkonforma ruhu mar-riti procedurali relattivi.

Dan mhux legalizmu ezagerat u lanqas ma hu kaz ta' sofizmu legali, izda sitwazzjoni fejn norma ritwali trid tigi rispettata u tassattivament imhaddna.[5] Apparti ghal dak sancit

[5] Mill-ottika tad-duttrina, skond l-awtur **François Laurent** ("Principii di Diritto Civile" Vol. I, Milano 1889; §30, pp.51–52), "*dal momento che le forme costituzionali sono state osservate, la legge esiste e il giudice è tenuto ad applicarla. La legge è l'espressione della sovranitá nazionale; come tale, essa obbliga i tribunali al pari de' privati. Quando si dice che il giudice è legato dalla legge, s'intende ch'esso non ha il diritto di sottometterla ad un controllo, che non gli è permesso d'esaminare se essa è in armonia con i principii del giusto o dell'ingiusto che Iddio ha scolpiti nella nostra coscienza. Di certo il legislatore deve usar diligenza perchè le leggi ch'esso emana non violino la giustizia eterna. Se egli facesse una legge ingiusta, questa mancherebbe d'autoritá morale; ma ciò non dispenserebbe il giudice dal doverla applicare. Se il giudice potesse giudicare la legge, se esso potesse*

fl-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta dwar pronunzjament fuq materja ta' preskrizzjoni da parti tat-Tribunal odjern, l-istess Tribunal ikollu jirrikjama l-attenzjoni ghaz-zewg precetti bazici segwenti:

**(a)** fl-ewwel lok, hu principju rikonoxxut illi l-istitut tal-preskrizzjoni – u l-applikabilità taghha – ghandu jircievi interpretazzjoni restrittiva. F'dan is-sens issir riferenza, fost diversi ohra, ghas-sentenza *in re* **Prof. Anthony J. Mamo ne v. Nutar Emmanuele Agius** (Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1957) li fiha inghad illi, "*f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima."* F'aktar dettal, il-qrati taghna jghidu li, "*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilitá taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent*." (**Victor Portelli v. Mark Psaila**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2003). F'dan is-sens ukoll huma s-sentenzi in re **Stencil Pave (Malta) Limited v. Kunsill Lokali Naxxar** (Prim'Awla, 30 ta' Ottubru, 2003); **Noel Ellul et noe v. Francis Vella noe** (Appell Superjuri, 8 ta' Mejju, 2001); **Ronald Naudi noe v. Unispeed Shipping & Forwarding Limited** (Prim'Awla, 26 ta' Gunju, 2003); u **Perit Guido Vella v. Oliver Grech** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 15 ta' April, 2008). Addizzjonalment, huwa wkoll principju kristallizzat mill-gurisprudenza patria illi l-preskrizzjonijiet il-qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-Art. 2143 tal-Kodici Civili, u ghalhekk tali preskrizzjonijiet qosra ghandhom ukoll jinghataw interpretazzjoni restrittiva. Dan hu rifless f'bosta gudikati, fosthom *in re* **Ralph Naudi et v. Maltacom p.l.c.** (Prim'Awla, 9 ta' Novembru, 2001); **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd v. Dismar Co. Ltd** (Prim'Awla, 12 ta' Ottubru, 2004); u **Lawrence Hili v. Alfred Cassar White et** (Prim'Awla, 22 ta' Ottubru, 2007; konfermata fl-appell fit-8 ta' Jannar, 2010). Anke d-duttrina prevalenti tghallem l-istess hekk kif wiehed jaqra fit-taghlim tal-gurista **Baudry-Lacantinerie** fit-trattat intitolat "Teorico Pratico di Diritto Civile" (Vol. XXVIII), «Della Prescrizione» (para. §712 p.552). Dan kollu qed jigi puntwalizzat ghax, lil hinn mill-

---

*rifiutarsi di farne l'applicazione, la legge non sarebbe piú quel che essa deve essere, una regola obbligatoria per la societá tutta intiera; non vi sarebbe piú legge.*" L-imsemmi awtur jislet mill-Qorti ta' Kassazzjoni Franciza (sentenza tal-25 ta' Mejju, 1814) fejn fiha inghad illi, "*Non appartiene punto ai tribunali di giudicare la legge, essi debbono applicarla tale qual'è, senza che loro sia giammai permesso di modificarla o di restringerla per nessuna considerazione, imperiosa che sia* " (*ibid.* p.52). Osservazzjonijiet simili huma mhaddna fis-sentenza *in re* **Neg. John Coleiro ne vs. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne et** (Prim'Awla, 22 ta' Gunju, 1957) fejn inghad hekk: "*Il giudice deve applicare la disposizione quand'anche gli sembrasse ingiusta. "Dura sed lex". Il giudice è istituito per giudicare secondo la legge. Permettere al giudice di non applicare la legge quando la trova iniqua sarebbe sostituirla colla coscienza del giudice e sostituire l'arbitrio di lui alla volontá del legislatore (persone I, §236).*" Fl-istess decizjoni hemm citat b'approvazzjoni l-awtur **Foramiti**, li jsostni, *inter alia*, illi, "*i sudditi hanno l'obbligo di soffrire gli inconvenienti che possono risultare da alcune leggi ingiuste, piuttosto che esporre alla ribellazione lo stato ad essere rovesciato (Enciclopedia Legale, Vol. III, voce "Leggi", pag.238, col.2a).*"

istadju propizju ta' meta l-konvenut iddecieda jiehu l-pedana biex jixhed, it-testimonjanza tieghu bl-ebda mod ma tista' tigi interpretata jew kunsidrata li indirizzat l-ingredjenti ritwali sanciti taht l-Art. 2160(1) fuq menzjonat. Kien doveruz ghall-konvenut li jkun car, dirett u skjett. Certament, mhux konsentit ghal-enti gudikanti li tispigola, li toqghod tfittex jew li twessa' n-narrazzjoni tal-konvenut sabiex isehh tentattiv li kliemu jikkonfigura ruhu ma' jew li jipprova jingieb in sintonija ma' dak tassattivament domandat fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili;

**(b)** fit-tieni lok, ghalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal hu fakoltizzat jiddeciedi abbazi ta' gustizzja ekwitattiva [*ex* Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta], f'aspetti purament ta' indoli ritwali jew ta' bixra procedurali, l-imsemmija ekwità m'ghandha l-ebda valur, sahha u applikazzjoni. Dawn huma aspetti illi fihom ma jistax jintrometti ruhu t-Tribunal u l-poter diskrezzjonali ta' l-ekwità vestita fih ma jistax jintuza biex ibiddel, jimmodifika, jissupera, jirridimensjona, jfassal *de novo* jew jiskonvolgi l-imsemmija aspetti ritwali u/jew procedurali. Huwa ghalhekk li l-isemmi Art. 7(1) tassattivament jezigi illi, "*f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi*" u mhux merament abbazi ta' ekwità.[6]

Spjanat dan it-terren, diskussi l-indikati aspetti u n-nuqqasijiet relattivi da parti tal-konvenut, l-eccezzjoni ma tistax tigi intrattenuta u ghalhekk it-Tribunal qed jichaq l-eccezzjoni abbazi tal-paragrafu (f) ta' l-Art. 2156 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) invokata mill-konvenut.

Skartata tali materja preliminari, it-Tribunal issa jdawwar harstu lejn il-mertu tal-vicenda.

Issa, skond kif provdut fl-Art. 728(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Art. 731 ta' l-istess, "*l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji*." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Art. 728 illi "*ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza*". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fir-Risposta, ossia fl-eccezzjonijiet. L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell *in re* **John Mary Vella et v. Winston Azzopardi noe** tas-6 ta' Ottubru, 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet (f'dan il-kaz, ir-Risposta),

[6] Huwa maghruf li "æquitas legem sequitur" (l-ekwità ssegwi l-ligi) u "æquitas nunquam contravenit legem" (l-ekwità ma tmurx kontra l-ligi).

oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Art. 158 tal-Kapitolu 12 u dawk taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta (inkluza l-L.S. 380.01), kellha tassattivament issegwi r-regola normattiva kontenuta fl-imsemmi Artikolu 728(1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta Risposta li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu. Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita tant li jinsab mghallem li l-ligijiet u n-normi ta' procedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (*vide*, fost diversi, d-decizjoni riportata f'*Kollezz*. **Vol.XVIII–I–879**).

Fil-kaz prezenti l-unika eccezzjoni propria intavolata mill-konvenut kienet dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Apparti li generikament jikkontendi li l-ammont mhux dovut, il-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni ohra, lanqas wahda fil-meritu. Effettivament, kienet dik biss (dwar il-preskrizzjoni) l-uniku mezz ta' difiza mressqa mill-konvenut, u l-Gudikatur sedenti gie msejjah biex jezamina u jivvaluta dik biss.[7] Minn tali atteggjament, wiehed ikollu jiddezumi li l-istess konvenut ma kienx qed jikkontesta l-mertu tal-vertenza fuq binarji ohra jew li qed jikkwerela xi aspett mill-istanza attrici, sia procedurali u/jew sia sostantiv. Li kieku dan kien hekk, l-istess konvenut kien jissenjalah fir-Risposta tieghu.

Ghalhekk, michuda tali eccezzjoni, u valutati l-provi mressqa, jidher li l-istanza attrici ghandha tigi akkolta u dan ghaliex:

**(a)** is-socjetà attrici ressqet kopja tad-dokumentazzjoni relattiva ghar-relazzjoni li kellha u ghad ghandha mal-konvenut.[8] Fl-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 39 *et seqq*.) il-konvenut gharaf il-firma tieghu fuq it-*Television Service Agreement* (*a fol*. 9) u fuq l-*Internet Service Agreement* (*a fol*. 10). Tali dokumenti jorbtu lill-konvenut ma' l-attrici u *vice versa* u ghalkemm min-natura taghhom m'humiex annoverati f'kuntratti solenni, xorta wahda, bhala ftehim skritt, ghandhom import u konsegwenzi importanti u vinkolanti. Ghalhekk, il-ftehim iffirmat mill-konvenut jivvinkolawh ghal dawk li huma termini u modalità ta' pagament u ghal dak li jikkoncerna obbligazzjonijiet u dmirijiet ohra kuntrattwali tieghu dwar is-suggett u l-oggett tal-

---

[7] Sitwazzjoni simili sehhet fil-kaz *in re* **Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited** (Appell Inferjuri, 7 ta' Dicembru, 2005).

[8] Ara *a foll*. 4–12 (ezebit flimkien ma' l-Avviz tat-Talba u konfermati bil-gurament minn Marianne Camilleri fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2019 *a fol*. 35 *et seqq*.) u wkoll *a fol*. 16 (affidavit ta' Marisa Galea Debono datat 6 ta' Gunju, 2018).

kontrattazzjoni.  Dwar ir-rabta li titnissel minn tali ftehim it-Tribunal jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet *obiter*.

Infatti, kif mghallem minn **FRANÇOIS LAURENT** ("Principii di Diritto Civile", Leonardo Vallardi ed. 1885; Vol. XIX p.196), "*l' atto è uno scritto redatto per constatare un fatto giuridico; ora è la sottoscrizione che certifica ciò che le parti constatano …*". Indubbjament, is-sottoskrizzjoni fuq dokument hi element essenzjali tieghu in kwantu tistabilixxi l-volontà tal-firmatarju li hu qed japprova l-kontenut ta' l-istess u jaghzel liberament li jintrabat skond it-terminu fih stipulati. Di fatti, din l-istess sottoskrizzjoni tassolvi funzjonijiet duplici. Il-wahda, indikattiva ghal fini li jkun individwat l-awtur tad-dokument u l-ohra, dikjarattiva, billi min iqiegħed il-firma jassumi l-paternità tad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess dokument.[9]  L-awturi **RODOLFO SACCO** u **GIORGIO DE NOVA** ("Il Contratto", UTET Giuridica, IV edizione, 2016; p.726) jiktbu illi, "*La sottoscrizione è indispensabile, anche se il documento è intieramente scritto di pugno della parte.  Infatti, finché manca la sottoscrizione, manca la prova documentale che il documento contenga una volontà negoziale … La firma è efficace anche se apposta sul margine dei fogli*."

Minghajr mezzi termini, il-legislatur patriju fl-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 992 tal-Kodici Civili jiddetta li, "*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom*" u jkompli jzid, fit-tieni sub-inciz, illi, "*Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi*." Tali disposizzjoni taghti setgha ta' vinkolu legali, guridikament rikonoxxut, lill-awtonomija privata tal-kontraenti,[10] ossia l-volontà taghhom li jaghzlu jintrabtu b'mod reciproku f'legam kuntrattwali, basta li r-rabta hekk imnissla issehh skond l-ordinament guridiku u in konformità mieghu [hawnhekk wiehed jaghmel rikjam ghall-Art. 982(2)[11], l-Art. 985[12], l-Art. 990[13], l-Art. 1054[14] tal-Kodici Civili li jimponu limiti].

---

[9] Ara s-sentenza *in re* **Maltacom plc v. Ibrahim Salifu** (Appell Inferjuri, 6 ta' Frar, 2008).

[10] "*L'autonomia privata è fondamentalmente potere di autodeterminazione del soggetto, cioè potere del soggetto di decidere della propria sfera giuridica.  In generale, tuttavia, la determinazione della propria sfera giuridica coinvolge anche la sfera giuridica di altri soggetti*" (*cfr.* **C. MASSIMO BIANCA**, "Diritto Civile: Il Contratto", Vol. III, Giuffrè 1999; §4, p.11).

[11] L-Art. 982(2) Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-ħwejjeġ biss li ma humiex extra commercium jistgħu jkunu oġġett ta' ftehim*."

[12] L-Art. 985 Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt*."

[13] L-Art. 990 Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku*."

[14] L-Art. 1054 Kod. Civ. jghid hekk: "*Kull kondizzjoni kuntrarja għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, jew ipprojbita mil-liġi, jew illi ġġiegħel l-esekuzzjoni ta' haġa impossibbli, ma tiswiex, u tagħmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha*."

Tali awtonomija tista' facilment tinstilet minn dak li jippreskrivi l-Art. 960 tal-Kodici Civili, illi jiddefinixxi l-kuntratt bhala "*konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni*." Meta l-istess awtonomija tal-partijiet kontraenti tigi abbinata ma' l-osservanza ta' dak li tinnecessita l-ligi bhala sustanza (bhal perezempju, l-Art. 966 Kodici Civili), u anke bhala forma u formalità (bhal perezempju, il-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta), hemmhekk tinholoq l-obbligazzjoni kuntrattwali. Tali obbligazzjoni tohloq vinkolu li jorbot lill-kontraenti f'legam li ghandu jigi rispettat u onorat. In effetti, jinsab insenjat li, "*L'obbligazione è un vincolo; l'espressione latina è più energica «vinculuum»; è un legame (une chaîne); quegli che è legato (en-chaîne) non può sfuggire al potere di colui che lo tiene ne'legami. Ebbene, la persona obbligata è legata, come lo è una persona stretta da legami*" (*cfr*. **FRANÇOIS LAURENT**, *op. cit.*, Vol.XV, §424, p.367).

Meta l-partijiet ghall-kuntratt jifthiemu, *inter alia*, dwar l' "an" (l-oggett), dwar il-"quando" (il-meta) u dwar il-"quomodo" (il-metodu jew il-kif) ta' l-att li ghandu jigi kompjut, f'dak il-preciz mument tinholoq qaghda awtonoma mill-volontà rispettiva taghhom li torbothom u tirregolahom. Konkjuza l-kontrattazzjoni l-istess imbaghad tiehu hajja proprja indipendenti, regolata bil-principju ben not ta' "pacta sunt servanda". B'hekk jinghalaq cirku immaginarju fejn il-partijiet ghall-kuntratt li taw bidu ghalih u holquh, darba mahluq u perfezzjonat in-negozju guridiku, l-istess kuntratt jakkwista fonti t'obbligazzjoni vinkolanti *a se stante* u dan propju ghax, salv kazijiet eccezzjonali [*vide* Art. 992(2) Kod. Civ.], "*ciascuno sa che il contratto, una volta perfetto, vive di vita propria, non potendo più essere modificato singolarmente dagli artefici*" (*cfr*. **MASSIMO FRANZONI**, "Degli Effetti Del Contratto", Giuffrè 2ª ed. 2013; Vol.I, p.5) u wkoll ghax "*è ben radicata l'idea che il contratto, una volta formatosi, cristallizza l'interesse delle parti, sicché queste sono tenute ad osservare la regola che ormai è sfuggita alla loro disponibilità*" (*ibid*. p.8).

In principju, l-ordinament Malti jiggarantixxi lill-privati dik il-libertà li jikkontrattaw dwar id-deziderji proprji b'dak il-mod u metodu l-aktar koerenti ma' l-interessi taghhom, bil-gosti taghhom u anke tenut kont tal-kapricci (leciti u ragjonevoli) taghhom. Dan hu anke dezunt meta l-Artt. 960 u 992(1) tal-Kodici Civili, fuq citati, jinqraw flimkien skond in-norma li tghallem illi "ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio."[15]

---

[15] Kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar miksuba (*optima interpretatio*) meta mehuda u kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha (*consequentibus*). Kif rakkjuz fil-gurisprudenza nostrali, "*per interpretare la legge in una maniera giusta è necessario conferire insieme tutti gli articoli e non decidere dietro uno dei suoi precetti*" (**Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et**, Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). Ghalhekk, il-kliem m'ghandux jittiehed singolarment u/jew *in vacuo*. Id-disposizzjoni m'ghandhiex tinqara u tigi interpretata *in lontananza* mill-kuntest shih tal-legislazzjoni li tabbraccjaha stante li, "*Naturalment wiehed ma jistghax iwarrab minn quddiem ghajnejh il-kontest kollu tal-ligi in kwistjoni u ligijiet ohra li jistghu jkunu rilevanti:*

Dak l-impenn kontrattwali li jitnissel minn impenn liberament assunt u liberament determinat, imbaghad, jittraduci ruhu f'impenn vinkolanti ghall-istess partijiet, proprjament ghax "*i privati sono liberi di contrarre, ma se contraggono si vincolano: perché questo vincolo trova fondamento nella loro libertà. Il termine stesso di «autonomia», del resto, esprime sia l'idea della libertà, sia l'idea del vincolo*" (*cfr*. **Enzo Roppo**, "Il Contratto", 1989; parte IV, p.129). Tali rabta kontrattwali "*priva il debitore della sua libertà o la diminuisce; essendosi obbligato, egli non è più libero, egli ha abdicato la sua libertà, e può esser costretto dalla forza pubblica ad adempire ai suoi impegni*" (*cfr*. **François Laurent**, *op. cit.*, §424, p.367).

Ghaldaqstant, jista' jigi generalment konkluz illi l-kuntratt jiggenera bejn il-partijiet, awturi liberi tieghu, vinkolu guridiku u tali legam guridiku jipproduci effetti li jitraxxendu l-volontà tal-partijiet, liema effetti jridu jigu minnhom subiti u liema effetti, salv kazijiet eccezzjonali, ma jistghux jigu respinti. Dan ghax il-kuntratt jimplika akkordju, cioè l-volontà tal-partijiet li jaccettaw programm specifiku definit f'regolament kontrattwali minnhom imfassal u li ghalih jissottoskrivu.

Dan hu proprju dak li ghamel il-konvenut Degiorgio f'dan il-kaz. Is-sottoskrizzjoni tieghu ghall-*agreements* m'ghandhiex tfisser biss li hu merament kien qed jirrikonoxxi l-paternità tieghu vis-à-vis il-ftehim formalment redatt, izda wkoll li l-firma tieghu tissimbolizza, u intrinsikament tfisser, ir-rabta tieghu *versu* l-obbligazzjoni jew l-obbligazzjonijiet li ghaliha assoggetta l-kondotta tieghu minn dak il-mument lil hinn.

**(b)** ix-xhud Marianne Camilleri, *Credit Control Officer* mas-socjetà attrici xehdet fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2019 fejn tat spjegazzjoni tal-fatti li jsawru l-kontiza u offriet spjegazzjoni ta' l-ammont domandat f'dawn il-proceduri.[16]

Ghalkemm il-konvenut kellu l-opportunità, l-istess ma wettaq l-ebda kontro-interragotorju ta' Marianne Camilleri. F'tali cirkostanzi specifici u partikolari,[17] dan it-

---

*«tota lege perspecta»* " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Dan ir-ragunament irribadietu s-sentenza fl-ismijiet **L. & A. Camilleri Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata) fejn intqal illi, "*fil-waqt illi l-kelma tal-ligi kien jehtieg li tigi rispettata fl-applikazzjoni taghha, dan ma jfissirx illi s-sinnifikat letterali tal-kelma wahdu kien dak li kellu jwassal ghal interpretazzjoni gusta taghha. Anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt ...*". Ara wkoll **Mary Anne Borg et v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010).

[16] Ara *a foll*. 35–37.

[17] Enfazi ssir fuq il-partikolarità tal-fattispeci ta' dan il-kaz. Jigi sottolineat illi l-principju hawn diskuss hu wiehed generali u solament applikabbli f'certi kazijiet fejn l-andament tal-provi u l-atteggjament tal-kontendenti fil-litigju ma jistghux ifissru jew jigu interpretati mod iehor. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza ta' dan it-Tribunal

Tribunal jhoss li huwa siewi dak it-taghlim gurisprudenzjali u dottrinali li jafferma illi, "*Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine* […] *Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case*" (*cfr*. **PETER MURPHY**, "Murphy on Evidence", 7th ed., 2000; p.511). L-istess hu l-awtur l-iehor imsemmi, fejn jirrimarka illi, "*failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.]*." (*cfr*. **G. D. NOKES**, "An Introduction to Evidence", 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; p.407).[18]

**(c)** fl-ahhar, il-konvenut ma presta l-ebda attività processwali ulterjuri u rilevanti hlief li xehed fl-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2019. F'tali xhieda ma harigx kif u l'ghaliex l-ammont domandat mhux dovut minnu. Kien jaqa' bi dmir fuq il-konvenut li jattiva ruhu u jsegwi linja difensjonali, jikkorroboraha u jaghtiha sustanza. Jekk il-konvenut kien, jew ghadu, jemmen li ghandu jkun haddiehor li kellu jhallas, certament kien hemm mezzi idoneji sabiex jippersegwi tali kors t'azzjoni, izda f'din il-kawza baqa' alkwantu statiku. F'tali cirkostanzi wiehed jista' jghid solament "imputet sibi".[19]

Dawn l-elenkati provi ma gewx kontradetti mill-konvenut ghalkemm kellu kull okkazzjoni biex jaghmel dan kif fuq gja' maghdud. Apparti li mhux kontradetti, tali provi huma, fil-fehma kunsiderata tat-Tribunal, tajbin u sufficjenti biex – anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet

---

*in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** deciza fid-9 ta' Jannar, 2019 li fiha hemm riflessjonijiet u esposizzjoni dwar il-materja fejn gie, *inter alia*, sottolineat li kollox jiddependi mill-evoluzzjoni tal-kaz partikolari trattat.

[18] Dan it-taghlim jidher rifless fid-decizjonijiet tal-qrati u tribunal taghna *in re* **Joseph Gauci pro et noe v. Angelo Grixti** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Gunju, 2012); **Scicluna Installations Limited v. Direttur Qrati u Tribunali Kriminali** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Lulju, 2013); **Carmel Agius v. Abba Properties Limited** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 17 ta' Settembru, 2013); **Martin Chetcuti pro et noe v. Joseph Grech** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 8 ta' Jannar, 2014); **Edwin Cilia v. Carmela sive Melina Cilia** (Appell Superjuri, 28 ta' Settembru, 2012) u **Dr Alessandro Lia noe v. Kosecp (Distribution And Business Services) Ltd** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 15 ta' April, 2015).

[19] «Imputet sibi» è una locuzione latina che significa "imputabile solo a se stesso". È un brocardo, ossia una massima latina, ancora in uso nella giurisprudenza italiana, dove si voglia indicare che un fatto è di esclusiva responsabilità di una persona e non coinvolge terzi.

ta' Malta u wkoll b'applikazzjoni ta' l-Art. 9(2)(b) ta' l-istess Kapitolu – jaghmluh jinklina lejn l-akkoljiment tat-talba attrici kif promossa.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq u konsistentement maghhom, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-unika eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-kumpannija attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' disa' mija u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€940.58c), bl-interessi legali fuq tali ammont bir-rata ta' 8% mid-data tal-prezenti sejha gudizzjarja, ossia mill-20 ta' Awwissu, 2018, sad-data tal-hlas finali u effettiv.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (datata 30 ta' Lulju, 2015 u bin-numru 1207/2015), ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*